

**Il-Knisja l-Qadima ta' Santa Katarina V.M**



**Wieħed mill-Pilastri tal-Knisja qabel u wara l-intervent ta' restawr**



# *Ir-Restawr tal-Knisja il-Qadima ta' Santa Katarina*

***Kitba tal-Perit Ruben Abela***



Dwar l-istorja tal-Knisja il-Qadima ta' Santa Katarina taż-Żejtun, jew kif ħafna jafuha *ta' San Girgor*, inkiteb ħafna u ma naħsibx li għandi nieħu dan l-ispazju biex nirrepeti dak li bosta kitbu qabli. Dwar il-valur arkitettoniku tal-knisja qrajna kitbiet ukoll, għalkemm fl-opinjoni tiegħi fadal ħafna nies, sfortunatament Żwieten ukoll, li għadhom ma japprezzawx biżżejjed il-valur ta' dan il-ġojjel nazzjonali ta' l-arkitettura Maltija. Din il-knisja hija meqjusa bħala wirt importanti li għaddewlna missirijietna, u bħal dik il-biċċa deheb jew dak l-inkwadru li writna minn għand in-nanna jew in-nannu, aħna għandna dmir li ngħaddu dan il-wirt lil uliedna f'kundizzjoni tajba u awtentika.

Kif nafu il-bini tal-knisja li għandna illum imur lura għall-mijiet ta' snin, biex ngħidu eżatt għall-aħħar tas-seklu ħmistax, ftit aktar minn ħames mitt sena ilu. Fil-fatt l-eqdem parti ta' din il-knisja hija l-kursija. Din hija l-knisja li aktarx li kienet inbniet mill-ġdid fl-1492 mill-Kappillan Kzullu minnflok knisja eqdem li kien hemm fl-istess post. Fi żmien l-Ordni ta' San Gwann, propju matul it-tmiem tas-seklu sittax, il-knisja tkabbret biex sarulha il-kappelluni u il-kor u b'hekk ħadet il-forma ta' salib. Il-knisja li għandna illum nistgħu ngħidu li għadha fl-istruttura hekk kif kienet minn meta waqfet isservi bħala knisja parrokkjali, ħlief għat-twaqqiegħ tal-kor, it-twaqqiegħ tal-kappella ta' San Mark u San Ġakbu li kien hemm fil-genb u ż-żieda ta' dniefel mall-ħitan tal-kursija li saru minn Giuseppe Hyzler fl-1830. B'xorti tajba irridu ngħidu li iż-Żwieten waqt li kienet qed tinbena il-knisja il-ġdida ma kienux obdew għal kollox l-ordni ta' l-isqof biex din il-knisja tinħatt u il-ġebel tagħha jintuża biex tinbena il-knisja il-ġdida hekk bħal ma ġara fis-Siġġiewi u Bir Miftuħ. Irridu insemmu ukoll li il-knisja għaddiet minn perjodi fejn ma baqgħetx taqdi il-funzjoni tagħha bħala dar tal-Mulej iżda intużat għal skopijiet oħra, fosthom dik ta' sptar waqt l-imblokk tal-Franċiżi. Minkejja dan irridu ngħidu li l-knisja ma sofrietx minn tibdil irriversibli u żammet il-karattru awtentiku tagħha li baqa' għaddej għandna sal-llum. Saħansitra l-iċċangar taż-żuntier u il-paviment ta' ġewwa baqgħu tal-franka! Dan kollu jagħabi lilna b'aktar responsabilta' b'mod speċjali meta niġu biex niddeċiedu x'interventi jew xogħlijiet għandhom isiru f'dan il-monument.

Mingħajr ma nnaqqas mill-mertu ta' kappillani w arċipreti oħra li ġew qabel dan attwali, irrid insemmi l-fatt li Dun Eric Overand għaraf sa mill-bidu tal-ħidma tiegħu fostna l-valur u l-importanza ta' dan il-monument li għandna fiż-Żejtun u mill-ewwel wera x-xewqa li l-knisja tiġi rrestawrata. Wara li saret analiżi tal-ħsarat li kien hemm, sew minħabba l-ispejjez kbar involuti kif ukoll għaliex kien hemm ix-xewqa li x-xogħol ta' restawr ikun wieħed professjonali, saret talba formali lill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura sabiex ix-xogħol isir mis-Sezzjoni tar-Restawr fi ħdan l-istess ministeru. Irridu ngħidu li din it-talba intlaqgħet mall-ewwel u grazzi għal dan bdiet il-ħidma. Inħatar il-Perit Norbert Gatt, perit speċjalizzat fir-restawr, sa biex jieħu ħsieb ix-xogħol minn naħa tas-Sezzjoni tar-Restawr. Kontra dak li ħafna jaħsbu, proġett bħal dan ma jibdiex







Ritratt *rectified* tal-faċċata tal-knisja li minnu ittellgħet il-pjanta tal-faċċata u li fuqha gew immarkati (mapped) il-ħsarat.



meta jintrama l-*iscaffolding*. Hemm ħafna xogħol ieħor li jrid issir qabel dan! Wara li saret spezzjoni mill-Perit Gatt beda jitfassal il-pjan ta' ħidma. Peres li ma' kienx hemm pjanti dettaljati tal-faċċati tal-knisja, l-ewwel li kellu jsir kien li jittellaw dawn il-pjanti. Irridu ngħidu li dawn il-pjanti m'humiex pjanti komuni bħal meta għamlilna il-perit li bnielna id-dar tagħna! Fi proġetti ta' restawr, barra id-dettalji ta' lavur u xogħol ieħor fil-ġebla, dawn il-pjanti juru kull ġebla u kull fil li hemm fil-faċċata. Taħsbux li s-*surveyor* kellu jkejjel kull kantun tafux! Le xejn minn dan. Jintuża proċess imsejjaħ *rectified photography*. Iva. Jittieħdu numru ta' ritratti b'kaxxa tar-ritratti speċjali fejn b'permezz tagħha ir-ritratt meħud ikun jista' jiġi kkoregut biex ir-riżultat finali jkun ritratt li juri il-faċċata ċatta u dritta mingħajr tagħwig fit-truf. Jittieħdu ħafna ritratti u wkoll xi qisien. Forsi xi ħadd minkom kien ra numru ta' slaleb bojod fuq sfond iswed imwaħħlin mall-faċċati tal-knisja. Dawn intużaw f'dan il-proċess sabiex mill-uffiċċju id-*draughtsman* setgħa jiskala minn fuq ir-ritratt għal-fuq il-pjanta. Hekk saru il-pjanti. Dawn il-pjanti ntużaw sabiex saret l-applikazzjoni għall-permess tal-MEPA. Biex wieħed setgħa jagħmel dan ix-xogħol, peres li il-knisja ta' San Girgor hija skedata, kien hemm bżonn dan il-permess kif ukoll permess mis-Sovrantendenza tal-Wirt Storiku. Ma' dawn il-pjanti il-Perit kellu jissottometti wkoll rapport dwar l-interventi li kellhom isiru sa biex il-knisja tiġi irrestawrata. Intalbu wkoll rapporti u ritratti tal-graffiti li hemm fuq il-faċċati tal-knisja, dan sabiex dawn jiġu mħarsa waqt ix-xoghol ta' restawr.

Għalfejn kellhom bżonn pjanti li juru kull ġebla u fil li fiha l-faċċata? Kurjuża din hux? Mela - ifhmu din. Bil-pjanti f'idejh, il-perit responsabbli mix-xogħol ta' restawr irid jimmarka t-tipi ta' ħsarat li jinnota fuq il-faċċati għall-fuq il-pjanta li saret, ġebla b'ġebla. Hekk per eżempju jekk hemm ġebla li ttieklet, irid jimmarka dik il-ġebla partikolari fil-post preċiż fejn qiegħeda għal fuq il-pjanta. L-istess irid isir jekk jinnota li hemm xi konsentura, jew xi ċava ta' xi ħnejja li iżerżqet xi ftit – bħal dawn hemm kważi fuq kull tieqa tal-knisja. Ittawwlulhom! Wara li l-perit jimmarka il-ħsarat ma jaqbadx u jiddeċiedi x'xogħol għandu jsir. Int meta tkun marid u tmur għand it-tabib, it-tabib x'jagħmel wara li jistaqsik x'għandek? Jgħatik il-mediċina mill-ewwel u jibgħatek il-barra? Ma naħsibx! Naħseb li jekk jagħmillek hekk dik tkun l-aħħar darba li ersaqt għandu hux? It-tabib jeżaminak, jaħseb u jistudjak sa biex jara minn x'hix qed issofri. Wara li jkun ċert minn dak li għamel jibda jaħseb x'kura għandu jagħtik sa biex ifejjqek mill-mard. L-istess jagħmel il-perit responsabbli mir-restawr. Jekk nużaw l-eżempju ta' ġebla immermra, il-kawżi tat-tmermir ta' din il-ġebla jistgħu ikunu bosta. Jista' jkun li l-ġebla kienet marida minnha, jista' jkun li hemm xi ilma li qed jgħerri l-ġebla, jista' jkun li tmermret minħabba it-tniġġis ta' l-arja. Qabel ma wieħed jistudja l-kawża tal-ħsara ma jistgħax jgħati il-kura. Iva kura. Ser nerġa nuża' l-eżempju tat-tabib. Int jekk tmur għand it-tabib b'ugiegħ f'saqajk x'tagħmel jekk minnflok it-tabib jagħtik il-kura jgħidlek nagħmilek sieq ġdida? Qed inġib dan l-eżempju għaliex huma bosta li għadhom bl-idea li biex biċċa xogħol ta' restawr jikkunsidrawha li hija tajba, jistennew li kull ġebla imxelfa li hemm fuq il-faċċata għandha tinbidel b'waħda ġdida. Dwar dan jiena infurmat li għaddew mhux kumment jew tnejn lill-ħaddiema li qed jagħmlu ix-xogħol! Dan ma jissejjaħx restawr. Il-prinċipji ta' restawr inbidlu. Hemm min hu l-oppost ta' dan u jistenna li kull ġebla li tinbidel għandha tkun ġebla qadima. Hekk hemm bżonn baqqanha wkoll sa biex tidher mittiekla u ma tingħarafx mill-oħrajn! Dan ukoll huwa żbaljat għaliex prinċipju ieħor tar-restawr huwa li dak li tibdel irid jinqara li huwa differenti mill-oriġinal. Għalek il-prinċipju li qiegħed jintuża fil-każ tar-restawr tal-knisja





Waħda mill-Faċċati qabel sar ix-xogħol ta' restawr fuqha

ta' San Girgor huwa li jinbidel mill-anqas ġebel sa biex jibqa kemm jista' jkun minn dak li huwa oriġinali. Il-ġebel maqsum jew imfellel qiegħed jissewwa b'kolla speċjali u il-qsim jintela'. Ħafna drabi il-ġebel li jkun qed jittmermer jiġrielu hekk minħabba li jkun qed jixrob ħafna ilma tax-xita minn xi fili miftuħin li jkun hemm aktar il-fuq – bħal dawn hemm ħafna fil-knisja. F'dan il-każ kull m'hemm bżonn huwa li jintlew il-fili sa biex l-ilma tax-xita ma jidħolx aktar u ma jagħmilx aktar ħsara. Sibt is-sors u tajt il-kura! Biex nimlewhom il-fili? Tgħiduli – mhux bis-siment? Risposta ħazina! Is-siment huwa l-għadu tal-ġebla Maltija għaliex dan jirrejaġixxi mall-franka u l-franka tibda titfarrak wara li toħroġ l-imluħa bis-siment. Is-siment mhux postu fi proġetti ta' restawr. Il-fili jintlew b'ġir, ramel, xaħx u frak tal-fuħħar. Il-ġir li jintuża fuq xogħlijiet fuq barra huwa dak magħruf bħala *hydraulic lime*, dan għaliex jiflaħ aktar għall-ilma. Ir-restawratur ma jaqbadx jimla l-fili b'din it-taħlita u jmexxi bil-land. Wara li jimla l-fil, irid iżommu umdu kemm jista' ħalli ma jaqsamx u fl-istess ħin itellgħa is-saħħa. Barra minn hekk il-fil irid ikun ftit irtirat mill-gebel ta' madwaru. Huwa għalek li x-xogħol ta' restawr professjonali jieħu fit-tul u



L-Istess Faċċata wara li tlesta l-intervent tar-restawr fuqha



trid paċenzja kbira.

Bill-ħaqq! Insejna t-tindif li hemm bżonn qabel ma wieħed jibda jimla l-fili. L-ewwel ma jridu jitnaddfu huma l-fili sa biex dawk li għandhom jaqaw jaqaw issa u mhux wara li jitlesta x-xogħol. B'hekk il-fili ħziena jinfetħu kollha – mhux biex inġibu il-fili dritti bir-riga tafux! Wara jinbeda x-xogħol ta' tindif tal-ġebla. Is-*sand blasting* jew l-invjar m'għandhom ikunu qatt parti mill-proċess ta' restawr. Dawn il-proċessi, għalkemm ix-xogħol bihom jinħeles malajr, jagħmlu ħsara kbira u rreparabbli lill-ġebla. Il-proċess li ntuża' fil-knisja kien wieħed sempliċi – dak ta' ħasil bl-ilma nadif waqt li wieħed jorok bi xkupilja (mhux tal-wire). Dan huwa l-proċess ta' tindif irrakkomandat f'kull xogħol ta' restawr. Jista' jkun li l-ħmieġ li jkun hemm fuq il-ġebla jkun diffiċli li jinqala' b'dan il-metodu, u l-istess ħmieġ jekk jitħalla jikkawża ħsarat lill-ġebla – dan normalment ikun dak li jissejjaħ *black crust* u nsibuh l-aktar taħt il-gwarniċuni. Dan jifforma l-aktar minħabba tniġġiż fl-arja. Biex dan jinqala' ikun hemm il-ħtiega li jintuza *power washing* bl-ilma bi pressa ikkontrollata. Fil-knisja ta' San Girgor ma jidhirx li hemm il-ħtiega li tintuża' din is-sistema għaliex għall-grazzja t'Alla l-arja tal-madwar s'issa ma hix daqsekk imniġġża.

Wara li jsiru dawn il-proċessi, il-faċċata tinagħtalha protezzjoni kemikali sa biex tikkonsolida l-ġebla, tipproteġiha mit-tniġġiż u ma tixrobx ilma. Partijiet mill-faċċata, bħal fil-kaz il-gwarniċar madwar il-bibien, qed jitbajdu b'tibjida ġir kulur isfar, hekk kif kienu fl-antik.

Dan huwa il-proċess kollu li għaddew minnu s'issa il-faċċati li ġew irrestwrati s'issa u li ser jgħaddu minnu il-faċċati li fadal. Filwaqt li wieħed japprezza l-interess li qiegħed jintwera f'dan ix-xogħol, nittama li permezz ta' din il-kitba tiegħi wieħed jibda jifhem aħjar id-deċizjonijiet li qed jittieħdu f'dan il-proġett. Kif għidt aktar qabel, l-interess tagħna m'għandux ikun fil-ħeffa biex infittxu naraw il-faċċati tal-knisja lesti u jidhru qishom ġodda, iżda dak li nassiguraw li x-xogħol li qed isir ikun wieħed professjonali, kif ta' bilħaqq hu, u li jiggarantixxi protezzjoni sħiħa lil dan il-monument biex jibqa jitgawda minnha u minn ġenerazzjonijiet futuri. Ta' dan nirringrazzjaw lill-Perit Gatt u lill ħaddiema tiegħu li b'tant għaqal u dedikazzjoni daħlu għal din il-biċċa xogħol.

Biex ngħalaq nixtieq li tifhmu ukoll li billi dan il-bini qiegħed jiġi irrestawrat ma jfissirx li issa irridu inserħu moħħna li fil-futur m'għandna għalfejn nagħmlu l-ebda xogħol ieħor fuqu. Xejn minn dan, il-manutenzjoni fuq bini bħal dan trid tibqa għaddejja b'mod kontinwu u b'rutina.


Schembri Marbles

**Granite, Marble & Resin Works**

*Dawret Ħal Għaxaq - Għaxaq*
*Tel. Workshop 2167 8608 • Showroom - 2167 2210*
*Mobile: 99499692 • 99428581*
*Showroom Hours: Summer 6.00pm - 8.00pm • Winter 5.30pm - 7.30pm*